**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum, it-Tlieta ħdax (11) ta' Frar 2025

Kawża Nru 16/2025

**Il-Pulizija**
***(Spettur Josef Gauci)***

vs

**Melissa Cardona**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Melissa Cardona**, bint Martino u Elizabeth nee Curmi, imwielda Rabat, Għawdex nhar it-tmintax (18) ta' Awissu 1995 u resident "Ta' Sterfa Court", Penthouse 5, Triq it-Tempju tal-Imramma, Sannat, Għawdex detentriċi tal-karta tal-identita numru 33795(G) talli f'dawn il-Gżejjer nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Ġunju 2024 għall-ħabta tal-għaxra ta'

filgħodu (10:00hrs) fi Triq Dun Luqa, Sannat, Għawdex waqt li kienet qiegħda ssuq vettura bil-mutur tal-għamla BMW u bin-numri tar-reġistrazzjoni MEL 818:

(1) b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġunat feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' John Paul Grima, skont kif iċċertifika Dr Chris Giordimaina MD numru tar-reġistrazzjoni mediku 3854 mill-Isptar Ġenerali ta' Għawdex;[1]

(2) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi, saqet l-imsemmija vettura bil-mutur, b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, u/jew b'mod perikoluż;[2]

(3) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi bħala driver ta' vettura sew fi triq prinċipali sew f'waħda sekondarja, naqset li toqgħod attenta l-ħin kollu u naqset li tieħu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa f'kull kantuniera;[3]

(4) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi, bħala uffiċjal pubbliku jew impjegat pubbliku, ċioe Surġent fil-Korp tal-Pulizija, saret ħatja ta' reat ieħor li kellha tosserva

[1] Artikolu 226(1)(b) tal-Kap. 9.
[2] Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65.
[3] Regolament 76 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11.

biex jsirx jew li minħabba l-kariga tagħha kellha d-dmir li timpedixxi li jsir.[4]

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija tissospendi lil ħatja minn kull liċenzja tas-sewqan għaż-żmien li jidhrilha li hu xieraq.

Rat id-dokumenti kollha esebiti mill-Uffiċjal Prosekutur;

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet lill-*parte civile* jiddikjara li kien qiegħda jirrinunzja għal dak kollu li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-akkużata;

Semgħet wkoll lill-istess *parte civile* jiddikjara li huwa ma kienx sejjer jixhed f'dawn il-proċeduri biex ma jinkriminax ruħu peress li b'rabta mal-allegat inċident stradali għandu proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

[4] Artikolu 141 tal-Kap. 9.

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Ġunju 2024 għall-ħabta tal-għaxra neqsin ħamsa ta' filgħodu (09:55hrs), il-Pulizija fl-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat, Għawdex ġew infurmati li kien seħħ inċident stradali fi Triq Dun Luqa, Sannat, Għawdex u li kien hemm xi persuni feruti.

Il-Pulizija marru mill-ewwel fuq il-post fejn stabbilew li l-akkużata kienet qed issuq vettura tal-għamla BMW bin-numri tar-reġistrazzjoni MEL 818 filwaqt li ċertu John Paul Grima kien qed isuq mutur bin-numru tar-reġistrazzjoni HQZ 123. Il-Pulizija stabbiliet wkoll li hekk kif Cardona kienet għaddejja minn Triq Dun Luqa, minn ġo rampa taħt l-art tela' mutur *gas down* misjuq minn John Paul Grima. Grima dak il-ħin kien qed iqassam il-posta peress li huwa impjegat mal-Maltapost. Grima spiċċa fuq il-bonnet tal-akkużata.

Ikkunsidrat;

Għalkemm il-parte civile irrinunzja għal dak kollu rinunzjabbli fil-konfront tal-akkużata u għażel wkoll li ma jixhidx f'dawn il-proċeduri, b'daqshekk ma jfissirx li b'mod awtomatiku l-akkużata għandha tiġi liberata mill-akkużi li qegħdin jiġu addebitati lilha. Dan għas-sempliċi raġuni li l-akkużi huma kollha *ex officio* u r-rinunzja tal-*parte civile per se* mhux sejra twassal sabiex l-azzjoni kriminali tiġi estinta.

Il-Pulizija esebew filmati li juru eżattament id-dinamika tal-inċident li seħħ bejn il-vettura misjuqa mill-akkużata u l-mutur li kien qed jiġi misjuq mill-*parte civile*. Huwa ċar mill-filmat kif il-*parte civile* ħareġ minn wara vettura b'mod li kien għal kollox moħbi u għalhekk l-akkużata ma setgħetx tarah mid-direzzjoni li hija kienet ġejja minnha. Apparti minn hekk il-*parte civile* ma waqafx qabel ma ħareġ min-naħa tal-bankina fejn kien għal nofs it-triq. Minħabba l-posizzjoni ta' fejn kien jinsab, l-*parte civile* kien obbligat li jisporġi kemm kemm minn wara l-vettura li kien hemm parkeġġjata, jara kinux ġejjin vetturi miż-żewġ naħiet tat-triq u imbagħad joħroġ għal ġewwa t-triq. Mill-filmati huwa ċar li dan il-*parte civile* m'għamlux.

Wieħed irid iqis wkoll li l-*parte civile* ma ħariġx minn inkroċju fejn wieħed raġjonevolment jkun qed jistenna li normalment jaqsmu vetturi. Ħareġ minn mal-ġenb tat-triq u *di piu* ħareġ minn wara vettura. Bin-nuqqas ta' attenzjoni tiegħu, il-parte civile għalhekk ikkrea lill-akkużata emerġenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux raġjonevolment possibbli, azzjoni tempestiva evażiva da parti tal-akkużata. Għalhekk mil-lat penali, ir-responsabbilita tal-inċident kienet unikament tal-*parte civile*. M'hemm xejn fis-sewqan tal-akkużata li għandu jiġi ċensurat. Għalhekk il-Qorti ma tistax tqis li l-ewwel tlett (3)

akkużi jirriżultaw. Għalhekk sejra tillibera lill-akkużata minnhom.

Fir-rigward tar-raba' (4) akkuża, la darba l-ewwel tlett (3) akkużi ma rriżultawx, din lanqas ma tista' tirriżulta. Dan għas-sempliċi raġuni li sejbien ta' ħtija fir-rigward ta' din l-akkuża tiddependi direttament fuq is-sejbien ta' ħtija fl-akkużi l-oħra. Għalhekk il-Qorti sejra wkoll tillibera lill-akkużata minn din l-akkuża.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti **<u>mhux qiegħda</u>** issib lill-akkużata ħatja tal-akkużi kollha dedotti fil-konfront tagħha u qiegħda għalhekk tilliberaha minn kull ħtija u piena.

**Dr. Jean Paul Grech**

**Maġistrat**

**Joseph Grech**

**Deputat Registratur**